**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 6/2020**

**Maryanne Borg detentrici tal-karta tal-identita' numru 0402933M flimkien ma' zewg Ignatius Borg ghal kwalunkwe interess li jista' ghandu**

**vs**

**Dr. Yanika Bugeja u PL Daniel Aquilina b'digriet tal-Bord tat-12 ta' Frar, 2020 inhatru bhala Kuraturi Deputati ghall-eredi mhux maghrufa ta' Carmelo Buttigieg li miet nhar is-7 ta' Ottubru 2019**

**Illum, 20 ta' Novembru 2020**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti Maryanne Borg hija sidt tal-fond 27, Triq il-Hnejja, Tas-Sliema mikri lil Carmelo Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' numru 0142349M.

2. Illi l-inkwilin Carmelo Buttigieg kien ighix wahdu u miet nhar is-7 ta' Ottubru 2019 (Certifikat tal-mewt numru 3121/2019 – Dok A).

3. Illi d-decuius ma kellux qraba u ghalhekk ma resaq hadd biex jirritorna c-cwievet u b'hekk il-fond jinsab abbandunat u maghluq bir-rikorrenti mizmuma milli jaccedu fuq il-fond li kien mikri lilu sabiex jiehduh lura.

4. Illi r-rikorrenti kellhom iressqu din il-kawza sabiex ikunu awtorizzati li jirriprendu l-fond bl-awtorizzazzjoni gudizzjarja mehtiega stante li l-inkwilin ma kellux qraba u jekk kellu werrieta dawn m'humiex maghrufa.

5. Illi ghalhekk l-intimat fil-kawza odjerna m'ghandu l-ebda linja difensjonali x'jaghti in kontro-trattazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti u b'hekk jezistu c-cirkostanzi kollha ikkontemplati fl-Art. 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu:

1. Jilqa' t-talba ghall-izgumbrament tal-intimat/i kif rapprezentati f' din il-kawza minghajr ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza.

2. Tordna l-izgumbrament tal-intimati mill-fond residenzjali bl-indirizz 274, Triq il-Hnejja Tas-Sliema.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati u bl-ingunzzjoni tal-intimati minn issa ghas-subizzjoni.

B'rizerva minn issa ghal-azzjoni in linea ta' danni fil-konfront tal-intimati ghal-okkupazzjoni illegali taghhom u ghad-danni subiti mir-rikorrenti."

Ra r-risposta ta' Dr. Yanika Bugeja u l-PL Daniel Aquilina bhala kuraturi deputati li tghid hekk:

"Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza fl-ismijiet premessi.

Illi l-kuraturi deputati jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Ra illi l-intimati ma preżentaw l-ebda nota ta' oggezzjonijiet ghat-talba ghad-dispensa tas-smiegh taht l-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra ukoll illi l-intimati naqsu illi jidhru quddiem il-Bord sabiex jikkontestaw t-talba.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' il-provi.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

**It-Talbiet u l-Eccezzjonijiet fil-qosor**

Ir-rikorrenti talbu (1) d-dispensa tas-smiegh u (2) l-izgumbrament tal-intimati u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

Illi minkejja t-talba ghall-izgumbrament ir-rikorrenti ippremettew illi l-fond mertu tal-kawza gia jinsab vakat minn kull okkupazzjoni stante illi l-inkwilin gie nieqes u ma kellu l-ebda familjari jokkupaw il-fond mieghu u lanqas familjari ohra maghrufa ghar-rikorrenti u li huma ressqu din it-talba sabiex jiehdu lura l-fond bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti u ghalhekk talbu wkoll il-hatra ta' kuraturi deputati.

Illi l-intimati u cioe' l-kuraturi deputati mahtura minn dan il-Bord, ma ressqux nota ta' oggezzjonijiet stante t-talba ghad-dispensa tas-smiegh izda ressqu mall-ewwel nota tal-eccezzjonijiet illi fiha fil-qosor eccepew; (1) li mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u (2) jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi minkejja t-talba ghad-dispensa tas-smiegh, tenut kont illi l-kawza giet istitwita kontra kuraturi deputati dan il-Bord halla illi din il-kawza tiehu l-kors normali taghha stante illi r-rikors promotur ma kienx akkompanjat minn affidavit tar-rikorrenti kif jirrikjedi l-istess Artiklu 16A tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-proceduri ma tmexxewx bid-dispensa tas-smiegh.

**Provi**

Ir-rikorrenti Maryanne Borg xehdet fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2020 fejn ikkonfermat illi hija s-sidt tal-fond mertu tal-kawza. Ikkonfermat ukoll illi l-ahhar inkwilin kien jghix wahdu fl-imsemmi fond, li l-inkwilin miet f'Ottubru 2019 u li ma kellux familjari ohra jghixu mieghu fl-imsemmi fond fid-data tal-mewt tieghu. Ikkonfermat ukoll illi ma giet avvicinata minn hadd illi ppretenda xi dritt illi jissuccedi l-kirja.

In sostenn tal-fatt illi hija s-sid hija esebiet ircevuta li thallas ic-cens tal-fond lis-socjeta' 44, Main Street Ltd., a folio 37 tal-process.

In sostenn tal-fatt illi fil-fond ma kien jghix hadd ghajr l-inkwilin Carmelo Buttigieg hija pprezentat kopja ta' estratt mir-registru elettorali minn April 2015 sa April 2020, a folio 25 sa 36 tal-process.

Illi fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2020 il-kawza thalliet ghall-provi tal-intimati.

Illi l-intimati ma prezentaw l-ebda provi u bl-ebda mod ma rribattew il-provi tar-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi mressqa t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u ghalhekk jimmeritaw illi jigu milqugha.

**Decide:**

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti giet deciza kif fuq spjegat u ghalhekk il-Bord m'ghandu xejn x'izid f'dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn il-fond ma hu okkupat minn hadd, jiffissa terminu ta' zmien gimgha mil-lum.

Stante illi l-kawza giet istitwita kontra kuraturi deputati, l-ispejjez ta' din il-procedura huma a karigu tar-rikorrenti.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur